



Kunsill Ewropew

Brussell, 21 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

EUCO 39/24

CO EUR 33
PV/CO EUR 21

MINUTI

Suġġett: Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (24 u 25 ta' Ġunju 2021)

Fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill Ewropew approva l-minuti tal-laqgħa tiegħu tal-24 u l-25 ta' Ġunju 2021, kif jinsabu f'dan id-dokument, u ddeċieda li jippubblikahom.

WERREJ

Paġna

1.	Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti	3
2.	Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew	3
3.	Adozzjoni tal-aġenda	3
4.	COVID-19	3
5.	Irkupru Ekonomiku	3
6.	Migrazzjoni	3
7.	Turkija	3
8.	Libja	4
9.	Russja	4
10.	Belarussja	4
11.	Saħel	4
12.	Etjopja	4
13.	Ċibersigurtà	4
14.	Adozzjoni tal-konklużjonijiet	4

1. Skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti

Il-Kunsill Ewropew kellu skambju ta' fehmiet mas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, António Guterres, dwar l-isfidi globali u l-kwistjonijiet ġeopolitiċi.

2. Skambju ta' fehmiet mal-President tal-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew sema' lill-President tal-Parlament Ewropew.

3. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill Ewropew adotta l-aġenda tiegħu kif tinsab fid-dokument EUCO 8/21.

4. COVID-19

Il-Kunsill Ewropew indirizza l-isforzi ta' koordinazzjoni b'rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u ddiskuta t-tagħlimiet inizjali meħuda mill-pandemija.

5. Irkupru Ekonomiku

Il-Kunsill Ewropew evalwa l-implimentazzjoni ta' Next Generation EU u ddiskuta l-abbozz ta' rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro.

6. Migrazzjoni

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fid-diversi rotot u pprova gwida għall-approċċ tal-UE għall-kooperazzjoni u sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu.

7. Turkija

Il-Kunsill Ewropew reġa' lura għas-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Mediterran u r-relazzjonijiet mat-Turkija. Il-Kunsill Ewropew ser jibqa' jsegwi din il-kwistjoni.

8. Libja

Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni fil-Libja u kkonferma l-impenn tiegħu għall-proċess ta' stabbilizzazzjoni fil-pajjiż.

9. Russja

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta r-relazzjonijiet mar-Russja, b'kont meħud tar-rapport mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni, jivvaluta l-implimentazzjoni u jipprovdi gwida ulterjuri kif meħtieġ.

10. Belarussja

Il-Kunsill Ewropew ħa kont tal-implimentazzjoni tal-miżuri li jikkonċernaw il-Belarussja kif jinsabu fil-konklużjonijiet tiegħu tal-24-25 ta' Mejju 2021, u indirizza s-sitwazzjoni fil-pajjiż.

11. Sahel

Il-Kunsill Ewropew iddiskuta s-sitwazzjoni fir-reġjun tas-Sahel.

12. Etjopja

Il-Kunsill Ewropew indirizza s-sitwazzjoni attwali fl-Etjopja.

13. Ċibersigurtà

Il-Kunsill Ewropew indirizza l-attakki ċibernetiċi reċenti kontra l-Istati Membri.

14. Adozzjoni tal-konklużjonijiet

Il-Kunsill Ewropew adotta l-konklużjonijiet, li jirriflettu l-eżitu tad-diskussjonijiet tiegħu, kif jinsabu fid-dokument EUCO 7/21.
